32005D0151

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2005

li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2005/151/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom tat-18 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli operattivi tal-Kumitat previst mill-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja [2], u b'mod partikolari l-punt 3 ta' l-Anness miegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 2004,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi għall-istabbiliment ta' kumitat li jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kumitat huma maħtura mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Barra minn dan, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom tipprovdi, fil-punt 3 ta' l-Anness magħha, li l-Kunsill għandu jaħtar il-President ta' dak il-kumitat.

(3) Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għal perjodu ta' erba' snin li għandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Novembru 2004 dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja:

Is-Sur Leif Sevón, President

Sir Christopher Bellamy

Is-Sur Yves Galmot

Is-Sur Peter Grilc

Is-Sinjura Gabriele Kucsko-Stadlmayer

Is-Sur Giuseppe Tesauro

Is-Sur Miroslaw Wyrzykowski

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-C. JUNCKER

---

[1] ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7
[2] Ara d-Dok Nru. 16033/04